# L-istorja tal-važun l-aħdar.

Miktuba minn Alessia Falzon Form 1Topaz

Jien u l-ġenituri tiegħi morna noqogħdu ġo dar ġdida. Din id-dar kienet ġewwa l-Imdina. L-Imdina huwa post antik ħafna. Hemmhekk ġraw ħafna esperjenzi tal-waħx.

Ġo din id-dar kien hemm kantina. Ġo din il-kantina kien hemm važun aħdar. Dan il-važun kien aħdar skur u bħala tul kien qasir. Kellu żewġ widnejn. Jien kien għoġobni għalhekk jien tellajtu u mort nurih lill-ġenituri tiegħi. Dawn għoġobhom u ddeċidew li jagħmluh ġol-kamra tas-sodda tagħhom fuq il-komodina.

L-għada morna nixtru u meta ġejna lura d-dar il-važun ma kienx fejn konna għamilnieh. Jien erġajt mort ġol-kantina u meta kont se mmis dan il-važun biex nerġa' ntellgħu minn ġol-kantina, rajt id ħierġa minn ġo dan il-važun. Din l-id kienet ħadra u tatni daqqa ta' ħarta. Jien mort ngħid lill-ġenituri tiegħi x'ġara u x'ma ġarax. Dawk baqgħu skantati u ma bdewx jemnuni. Ħasbuni li kont qed niċċajta. Missieri kien niżel ġol-kantina u l-istess reġa' ġara. Anke ommi kien ġralha l-istess. Aħna konna għamilna ftit riċerka dwar dan il-važun u sibna li dan kien imsaħħar.

